# Il-Prepożizzjonijiet

1. Uħud mill-partiċelli juru r-relazzjoni tal-oġġett mal-pożizzjoni tiegħu.
eż:



Il-važun fuq il-mejda.



Il-qattus taħt is-siġġu.

2. Dawn jissejħu prepożizzjonijiet. L-iktar komuni huma:

fuq taħt fi ġo ħdejn bejn quddiem wara

A. Daħħal il-prepożiżżjonijiet meħtieġa. Uża fuq jew taħt



1. Xħin wasalt mill-iskola, tlajt _______________ il-bejt ngħin lill-mama' taqla' l-ħwejjeġ.

2. Imbagħad qgħadt ngħinha tiżbarazza u tneħħi l-affarijiet minn _________________ il-mejda.

3. Jien u niknes ____________________ il-gradenza ma taqtax x'sibt! Il-basket bil-flokk tan-nanna.

4. Ma nafux kif waqa' u spiċċa hemm ____________________. Imma l-mama' tgħidx kemm ferħet għax kien ilha tfittxu.

5. Il-mama' poġġiet il-basket ___________ is-sufan ħalli żgur ma terġax titilfu.

LIVEWORKSHEETS

B. Daħħal il-prepożizzjonijiet meħtieġa. Agħżel minn dawn:

**quddiem, wara, ħdejn, bejn**



1. ____________________ il-bieb tan-nanna hemm qattus ċkejken. Qatt ma rajtu hemm. Imma llum, _____________ l-iskola rajtu u bdejt ngħajjatlu. Ma tax kasi u baqa' mistoħbi ___________ il-ħajt u l-kaxxa tal-kartun.

2. ____________ l-iskola jkun hemm vann tal-ġelati. Jiġi ftit qabel ma tispiċċa l-iskola u jipparkja ______________ il-grada li hemm fuq wara. Il-mama' tiġi għalija l-iskola u dejjem tkun qed tistennieni fuq il-bankina, _____________ il-vann tal-ġelati.

3. Wara l-vann tal-ġelat joqgħod idur mar-raġal u jmur __________ il-bandli li hemm il-pjazza. __________ il-pjazza hemm l-uffiċju tal-Kunsill Lokali.

LIVEWORKSHEETS